# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 437/99**

**Numru 29**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Coppini & Co. Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija tmienja u sebghin Lira u sitta u tmenin centezmu (Lm378.86) rappresentanti ammont dovut inkonnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 316666 gia 516782 skond kif jirrizulta mill-"statement" anness mal-avviz Dok A liema servizz gie stallat fil-fond 48A/1, Tower Road, Sliema u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni annessa mal-avviz u mmarkata Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Gunju 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati <u>Dok A u Dok B</u> a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fil-25 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm378.86,0 bl-imghaxijiet legali mill-15 ta’ Gunju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Gunju 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg